Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 66**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 25.03.24 fil-16.45.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillieri A.Chetcuti u P.Fenech talbu sabiex jiġu skużati minħabba raġunijiet oħra.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**66.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

66.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru. 64 ġew approvati hekk kif emendati. Il-Viċi Sindku pproponiet u l-Kunsillier A.Pisani ssekondat. Il-Minuti tas-Seduta Nru.65 ġew approvati. Il-Kunsillier E. Rossignaud ippropona u l-Kunsillier R.Scicluna ssekondat.

**66.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

66.2.1 Il-Viċi Sindku stasqiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar il-kwistjoni ta' trab u riħa qawwija ta' tarmak fl-arja. Is-Sindku nforma li se jerġa' jagħmel kuntatt ma' Sindku ta' l-Iklin.

66.2.2 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-grada ta' Ġnien FX Ebejer. Is-SE infurmat li l-ħaddid għadu kemm ffinalizza trolleys ta' siġġijiet u se jkun qed jibda' jaħdem fuq din il-grada.

66.2.3 Il-Kunsillier T.Valentino infurmat li skont l-aħħar kommunikazzjoni jidher li d-Dipartiment għandhom interess fl-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta dwar ir-restawr tal-Militiary Wall fi Triq il-Pont, Madliena. Is-SE infurmat li għaddiet l-informazzjoni kollha meħtieġa u issa rridu nistennew l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

66.2.4 Il-Kunsillier A.Pisani staqiset jekk hux possibli li jiġi installat dog-bin fi Triq il-Kaffis. Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar din il-possibilta.

66.2.5 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda dwar l-arblu ta' l-injam mxengel fi Triq il-Madliena. Is-SE infurmat li dwar diġa' kelmet lil GO plc kif ukoll lil Enemalta peress li jidher li hemm xi wiring li jrid jitneħħa minn naħa ta' l-Enemalta qabel ma jsiru tiswijiet fuq dan l-arblu minn naħa tal-GO plc.

66.2.6 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar un/loading bay ta' Triq Sant Andrija, Swieqi ħdejn Jolly Jumpers. Is-SE infurmat li sa issa m'hemm l-ebda rispons.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

66.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

66.3.2 Nhar l-14 ta' Frar, is-Sindku flimkien mal-Onor. Zerafa Civelli ingawguraw uffiċjalment il-ftuħ tal-clubhouse fi Triq is-Sejjieħ. Dan il-bini se jkun qed jintuża mill-għaqdiet sportivi bħala uffiċċju amministrattiv. Għal din l-attivita' kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri M. Bonello, R.Scicluna, A. Pisani flimkien mad-Direttur Ġenerali Sur E. Vassallo.

66.3.3 Nhar il-15 ta'Frar 2024, is-Sindku nforma li attenda għat-tieni laqgħa organizata mir-Reġjun Lvant dwar il-problema ta' rimi ta' skart illegali qabel ma jibda l-istagun tas-sajf.

66.3.4 Nhar is-16 ta' Frar, Swieqi Arts Group bl-għajnuna ta' Sa. Asha Caruana saret sezzjoni ta' sketching fis-sala tal-Kunsill. Din kienet waħda ta' suċċess peress li kien hemm attendenza tajba ħafna.

66.3.5 Fl-istess ġurnata, is-Sindku ltaqa' mas-Sur J. Falzon l-amministrattur ta' Luxol Grounds, dwar il-problema ta' flood lights qawwijin. Jidher li dawn *flood lights* qed jkunu ta' problema kbira kemm għas-sewwieqa fi triq arterjali kif ukoll għal residenzi tal-madwar.

66.3.6 Nhar id-19.02.24, is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma'resident viċin fejn hemm bus-stop temporanju fi Triq Sant Andrija kif ukoll mas-sid ta' General Store dwar il-problemi li ikkawża l-proġett il-ġdid ta' IM. Waqt din id-diskuzzjoni, ġiet imsemmija wkoll l-problema ta' pedestrian crossing viċin l-ex Jessie Bar. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux possibli li jerġa' jsir kuntatt ma' IM dwar din il-problema kif ukoll jsir studju dwar il-*flow* ta' traffiku li jkun ħiereġ minn Triq il-Qasam. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jitqabbad is-Sur B. Bonello dwar din il-possibilta'.

66.3.7 Nhar l-20 ta' Frar, is-Sindku ltaqa' ma' CEO ta' Dipartiment għall-Kura tas-Saħħa dwar il-possibilta' li terġa' tinfetaħ l-Berġa. Huma nfurmaw li skont l-istandars ġodda,id-Dipartiment għal Kura tas-saħħa irrid jkun hemm bieb apparti. Wara diskuzzjoni, is-Sindku nforma li jkun jaqbel jekk jintuża l-bieb li hemm eżistenti sabiex il-kmamar jkunu jiġu utulizati biss għas-servizzi. Is-Sindku nforma li se nkunu qed nistennew minn naħa tagħhom.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

66.3.8 Nhar it-22 ta' Frar saret laqgħa mal-uffiċċjal tal-Pulizija tal-Komunita' fejn ġew diskussi diveri suġġett fosthom l-problema ta' over-speeding, ħruġ ta' skart b'mod illegali u iktar rondi fil-lokalita'. F' din l-istess ġurnata, s-Sindku flimkien mal-Kunsillier R.Scicluna u s-SE iltaqgħu ma' Miss Madliena fejn ġiet proposta li ssir attivita' fl-okkażżjoni ta' International Love Your Pet Day nhar is-7 t'April. Ġie deċiż b'mod unanimu li din l-attivita' titella' u tinġabar donazzjoni minn dawk li se jattendu sabiex tiġi preżentata lil NGO li se tkun qed tospitana. Il-Kunsillier R.Scicluna flimkien mas-SE se jkunu qed jipprepaw għal din l-attivita'.

66.3.9 Nhar it-28 ta' Frar, is-Sindku flimkien mas-SE attendew għal laqgħa fl-uffiċini ta' IM mas-Sa. E. Fenech dwar il-pjan ta' ħidma ta' xogħlijiet pjanati ta' IM għal din is-sena. Is-Sa. Fenech ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonferma liema toroq se jkunu qed isiru u meta.

66.3.10 Nhar is-6 ta' Marzu, flimkien mal-Kunsillier E. Rossignaud attendew għal laqgħa ma' CEO ta' Project Green dwar il-possibilta' li tinxtara l-art ta' wara l-Kunsill u għajnuna finanzjarja sabiex jinżirgħu iktar siġar f'planters ġodda. Is-Sur Cuschieri waqt din il-laqgħa wera interess f'dawn il-proġetti u informana li se jkun qed jagħmel kuntatt magħna.

66.3.11 F'din l-istess ġurnata, flimkien mal-Perit, is-SE, is-Sur Bianco u l-kuntrattur S.Muscat saret laqgħa sabiex jiġi ddentifikat meta se jibda' x-xogħol fi Ġnien MCC. Is-SE infurmat li x-xogħlijiet fuq *boundary wall* ta' dan il-ġnien (li jmiss mal-bankina fi Triq il-Ħemel u Triq is-Sejjieħ) ma jistgħux jibdew għalissa peress li għadhom ma ħarġux il-permessi neċċessarji minn naħa ta' l-ERA. Għaldaqstant, ġie deċiż li għalissa jibdew biss ix-xogħlijiet fuq in-naħa ta' ġewwa tal-Ġnien.

66.3.12 Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' Jum il-Mara li saret nhar it-8 ta' Marzu fis-sala tal-Kunsill. Waqt din l-attivita' kien hemm diversi speakers mistienda li taw il-kontribut tagħhom fosthom is-Sa. D. Cristina u l-President tal-UE Dr. R.Metsola. Waqt din l-attivita' kien hemm wkoll diversi artisti lokali nisa juru talenti tagħhom bħal biċċiet tal-pittura, xogħol ta' l-artiġjanat u krafts. Huwa rringrazzja lil kull min kien parti minn din l-organizzazzjoni.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

66.3.13 Nhar it-12 ta' Marzu, is-Sindku flimkien mas-SE u l-Viċi Sindku iltaqgħu mas-Sur J. Hamberger, il-Maniġer tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Lvant. Waqt din l-attivita' ġiet diskussa l-possibilita' li titella' attivita' nhar l-24 ta' Mejju fejn jkunu jistgħu jipparteċipaw diversi ambaxxati. Iktar dettalji se jingħataw mill-Viċi Sindku.

66.3.14 Nhar il-15 ta'Marzu, is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u s-SE iltaqaw mas-Sur B.Bonello rigward il-possibilta' li jiġu ssuġeriti xi proposti lil IM u TM dwar immaniġjar ta' traffiku aħjar fiż-żona tal-proġett il-ġdid fi Triq Sant Andrija, Swieqi. Waqr din il-laqgħa ġie propost li jsiru 3 CCTV cameras f'din iż-żona sabiex jissorveljaw it-traffiku matul il-ġimgħa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

66.3.15 Fi 18 ta'Marzu, saret laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunita' li għaliha kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku, Kunsillieri R. Scicluna u A.Pisani. Kien hemm preżenti wkoll l-REO ta' LESA S.Cassar fejn ġiet iddetifikata li qed jkun hemm problema b'ċertu ħruġ ta' permessi. Is-SE fakkret li l-permessi joħorġu biss fuq dak li l-applikant jkun indika lil l-istaff.

66.3.16 Nhar il-21 ta' Marzu, s-Sindku nforma li attenda għat-tielet laqgħa tal-Working Group ta' Reġjun dwar il-ħruġ ta' l-iskart. Minuti ta' din il-laqgħa se jintbaġġtu iktar tard mir-Reġjun.

66.3.17 Nhar it-22 ta' Marzu, is-Sindku flimkien mas-SE iltaqgħu mal-kuntrattur responsabli mix-xogħlijiet ta' Triq il-Miżura. Il-kuntrattur infurmana li se x-xogħol se jibda' it-Tnejn 25 ta'Marzu. Sadintant is-SE ordnat xi sinjali li se jkunu qed jgħinu lis-sewwieqa bħala parti mid-diversions.

66.3.18 Ir-Reġjun Lvant organizza attivita'mmirata għat-tfal fis-sala tal-Kunsill nhar it-23 ta'Marzu Rigward kraft dwar l-Għid il-Kbir.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**66.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

66.3.19 Is-Sindku ppropona li Triq il-Barmil ( id-dawra ta' Ġnien E. Barthet) u l-biċċa ta' nofs ta' Triq il-Wiżna jingħataw saff ta'tarmak sabiex kemm jista' jkun ma jkomplux jiddertijoraw. Il-pjan ta' IM għalissa għadu mhux magħruf sew għaldaqstant dawn iż-żewġ toroq jistgħu jsiru b'dan il-mod. Il-Perit tal-Kunsill pprepara stima ddetaljata għal dawn ix-xogħlijiet. Dawn l-istimi jammontaw għal:

- Triq il-Wiżna - €22,395.00
- Triq il-Barmil - €19,095.00

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dawn ix-xogħlijiet. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

66.3.20 Rigward Ġnien MCC, is-Sindku nforma li dawn ix-xogħlijiet bdew minn naħa tal-kuntrattur tal-Kunsill il-ġimgħa l-oħra.

66.3.21 Rigward is-sejħa ta' l-offeri għal Triq tal-Ibraġ, is-Sindku staqsa lis-SE dwar l-istat preżenti. Is-SE infurmat li dwar din il-materja tinsabu ftit imwaħlin peress li minn naħa ta' DLG ż infurmawna li jekk l-bidder ħalla xi rati barra, l-ispejjeż involuti rrid jisorbihom l-kuntrattur pero' l-Perit tal-Kunsill huwa ta' fehma oħra u jinsab ferm dubjuż dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku staqsa jekk hux possibli li niltaqgħu ma' l-unika bidder li sottometa din l-offerta.

66.3.22 B'referenza għall-proġett propost minn IM dwar Swieqi/Paceville Junction, is-Sindku nforma li għalkemm il-Kunsill staqsa diversi drabi meta se ssir laqgħa pubblika miftuħa għar-residenti kif ukoll għal kopji diġitali tal-proġett propost.

66.3.23 Rigward il-proġett ta' Madliena Trail, is-Sindku flimkien mas-SE infurmaw li mill-aktar fis hemm bżonn li jibda' x-xogħol relatat u għalhekk se ssir laqgħa mal-kuntrattur magħżul – Delta Projects fil-jiem li ġejjin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

66.3.24 Is-Sindku nforma li rċieva rikjesta sabiex Chess Club partikolari jibda' jorganizza sezzjonijiet fil-miftuħ fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li diment li dawn is-sezzjonijiet jkunu miftuħa għal pubbliku, jinżammu f'ħinijiet diċenti, wara kull sezzjoni l-post jitħalla nadif u l-Kunsill ma jkollu l-ebda obligazzjonijiet finanzjajri m'hemm l-ebda oġezzjoni li dawn jiġu organizzati. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil din l-għaqda b'dawn il-kundizzjonijiet.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

66.3.25 Rigward l-kwistjoni ta'ipparkjar ta' vetturi f'parti minn Triq is-Slielem, is-Sindku nforma li hemm bżonn li l-Kunsill i. rrid jieħu deċiżjoni jekk hux se jkun qed jippermetti li vetturi żgħar jipparkjaw mal-ġenb. Wara diskuzzjoni, jidher li ma kienx hemm qbil dwar din il-materja; għaldasqtant ġie deċiż li l-Kunsilliera jżuru din iż-żona sabiex jiddentifikaw l-aħjar soluzzjoni.

66.3.26 B'referenza għall-akkwist tal-van li jaħdem bl-eletriku, is-Sindku nforma li DLG approva t-talba ta' dan il-Kunsill u għalhekk nistgħu nipproċedu bi xiri. Is-SE infurmat li diġa' inġabret l-ewwel kwotazzjoni ta' assigurazzjoni u din tamonta għal €3,600.00. Hija nfurmat li fil-jiem li ġejjin se tirċievi kwotazzjonijiet oħra.

**66.4 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

66.4.1 Is-SE ppreżentat l-applikazzjonijiet li ġew ppreparati dwar l-iskemi indikati hawn taħt:

- **SPI/SCI/6/2024- Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES)**

  Is-SE infurmat li jekk kemm-il darba l-Kunsill jibbenifika minn din l-iskema u jsib il-kandiat ideali, jkun pass għaqli għal dan il-Kunsill. Dan minħabba l-fatt li apparti li bħalissa l-Kunsill għandu problema serja ta'nuqqas ta' staff, nkunu qed noffru opportunita' ta'xogħol lil persuna b'diżabilta'. Taħt din l-iskema, il-Kunsill se jkun qed jiġi rifondut l-paga ta' din il-persuna (apprti li NI, Taxxa u l-bonuses li huma dovuti kull 3 xhur). Kien hemm qbil unanimu li tiġi sottometta din l-applikazzjoni.

- **SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025**

  Din l-applikazzjoni ġiet ippreparata b'reqqa mas-Sur K.Muscat, sabiex noħolqu kunċett ġdid fejn inkludejna wkoll tfal bl-awtiżmu kif ukoll attivitajiet ġodda sabiex nkomplu nsaħħu attivita' li l-Kunsill diġa' kien jagħmel b'mod annwali.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.4 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – tkompli**

- **SPI/SCI/01/2024 - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex**

  Din l-applikazzjoni qed tinkludi xogħlijiet ta' manutenzjoni fi 3 ġonna ( Ġnien MCC, Ġnien E. Barthet u Ġnien FX Ebejer). Dan sabiex kemm jista' jkun nkompli nħajru aktar residenti sabiex jkunu parteċipi u jgħinu lil Kunsill biex iżommu dawn il-ġonna fi stat tajjeb ħafna. Apparti minn hekk, dan il-kunċett dan il-Kunsill kien diġa' ġie introdott minn dan il-Kunsill, tant hu hekk li residenti minn Triq l-Arti, jieħu ħsieb b'mod kontinwu l-pjanti tal-madwar.

  Ix-xogħlijiet li ġew inklużi f'din l-applikazzjoni huma: manutezzjoni fuq *fencing* ta' l-injam, bankijiet u *gazebos*.

  Wara diskuzzjoni, l-Kunsill unanimament qabel li jekk kemm-il darba dan il-Kunsill jintgħażel biex jibbenefika, lest li jħallas u jipprovdi għal kull materjal li jkun hemm bżonn minn dawn il-ħaddiema manwali.

66.4.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva 4 talbiet għal ħlas dwar ħsarat li xi sewwieqa sofrew f'dawn it-toroq:

- Triq tal-Ibraġ – il-parti ta' fuq – Il-Kunsill ma jħossx li din it-talba hija ġusta peress li jekk kemm-il darba kien hemm ħofor, dawn qatt ma setgħu jikkawżaw dawn it-tip ta' ħsarat.
- Triq tal-Ibraġ k/m Triq il-Barmil – Il-Kunsill ma jistax jaċċetta responsabilta' ta' dawn il-ħsarat peress li l-bankina żgur li mhux qiegħda f'nofs ta' triq hekk kif qed jiġi insinwat u l-problema ta' ħsarat tad-dawl kienet irrapurtata minnufih lil Enemalta hekk kif il-Kunsill kien ġie innotifikat.
- Triq l-Uqija fid-dawra – Il-Kunsill insista li l-post li fejn dil-vettura kienet ipparkjata fejn allegatament sofriet dawn il-ħsarat, ma jistax jsir ipparkjar tant hu hekk li hemm sinjal sofor doppji tul id-dawra kollha; għaldaqstant ma kienx hemm qbil biex isir dan ir-rimbors.
- Triq Ħabb il-Qamħ – il-Kunsill kien diġa' offra nofs l-ispiża relatata, għaldaqstant ġie deċiż li din hija l-aħħar offerta li se jkun qed joffri dan il-Kunsill.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**66.5 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U ĦLAS IEĦOR**

L-iskeda nru. 56 ġiet approvata minn dawk preżenti.

Il-Kunsillier R. Scicluna pproponiet u l-Kunsillier A.Pisani ssekondat.

**66.6 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Viċi Sindku

66.6.1 Il-Viċi Sindku pproponiet sabiex jekk hemm l-ispazju biżżejjed fil-public toilets issir *nappy changer* u *soap dispencers* sabiex jkunu attrezati b'mod aħjar. Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar dawn il-possibiltajiet.

66.6.2 Hija nfurmat li skont l-aħħar komunikazzjoni uffiċċjali mit-TM jidher li dawn ma laqgħux t-talba tal-Kunsill u għalhekk mhux se jkun possibli li vetturi ta' ċertu daqs mhux se jkunu jistgħu jgħaddu minn Triq il-Madliena ( minn Triq ix-Xiber sa' Triq tal-Ibraġ). Dan wara li resident f'din iż-żona ppreżenta diversi filmati/ritratti tal-ħsarat li qed isirulu fil-propjeta' tiegħu minn vetturi u inġenji ta' ċertu daqs.

66.6.3 B'referenza għall-punt nru: 66.3.13, il-Viċi Sindku nfurmat li nhar l-24 ta'Mejju qed jiġi propost li ssir attivita' fejn jiġu mistiedna diversi Ambaxxati sabiex jesebixxu l-kultura ta' dak in-nazzjoni partikolari biex flimkien ma' Reġjun Lvant li huwa Reġjun tal-Kultura għal din is-sena nkomplu nsaħħu l-integreazzjoni ta' diversi nazzjonalijiet li diġa' jabitaw fil-lokalitajiet ta' dan ir-Reġjun. Diġa' saru xi kuntatti u jidher li hemm interess minn ċertu Ambaxxti sabiex jipparteċipaw. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din l-attivita' u għaldaqstant sa tiġi ppreparata proposta sabiex titressaq għall-approvazzjoni tar-Reġjun Lvant fis-seduta li jmiss nhar l-Erbgħa 24 t'April.

***Din is-seduta spiċċat fit-20.30 u ġie deċiż s-Seduta li jmiss tkun kontinwazzjoni u hija skedata għal nhar it-Tnejn 8 t'April fl-16.30.***

***Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.***

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**LOCAL COUNCIL MEETING**

**06.05.24**

**MEETINGS HELD/ATTENDED**

**26.03.24 – TALK BY CANCER SURVIVORS**

**01.04.24 – MR HENWOOD FROM ERA**

In attendance, architect Dieter Falzon, gardener Chrles Mifsud, contractor Simon Muscat and Mr Henwood and another gentleman from ERA.

We discussed the issue of the roots that have uprooted the pavement in triq is Sejjieh and are damaging the boundary wall in triq il Hemel.

The damage is evident and even though we informed ERA that we shall be planting more trees they are still not convinced that the trees should be removed. In their opinion the roots should be trimmed. However the gardener informed us that if we trim the roots the trees will collapse ! Perit Dieter informed them that he will not take responsibility of any damages that may be caused in the event that someone gets injured.

We are waiting for ERA to send us their report.

**01.04.24 - PERIT RODNEY MICALLEF – IM**

In attendance the contractor Mr Joseph Desira.

Perit Micallef has taken charge of the outstanding works in triq il Mizura. Together we discussed the 'modus operandi'.

**03.04.24 – IVAN FARRUGIA – PROJECT GREEN**

With Mr Farrugia i discussed the possibility that we introduce several planters all along Swieqi road. In principle he agreed with the project and they would be prepared to finance the project. We need to prepare the plans. Works will be carried out by our contractor.

**04.05.24 – PARROCCA IBRAG – 25th ANNIVERSARY**

In attendance Vice Mayor, Ms MaryAnne Abela,

We attended Holy Mass that commemorated the 25th Anniversary since Ibrag Church, which is dedicated to the Immaculate Conception, was celebrated by the incoming Parish Priest Fr Brian Gialanze.

We welcomed Fr Gialanze and presented him with a plaque to commemorate the event.

**05.04.24 – FR BLAKE CAMILLERI – FAREWELL**

In attendance vice Mayor Ms MaryAnne Abela, councillors Ms Theresa Valentino, Mr Edgar Rossignaud and Ms Rowena Scicluna.

Fr Blake Camilleri celebrated his last Holy Mass in his capacity as the Parish Priest of the Ibrag Parish Church.

We thanked him for the sterling service that he offered to the community during his seven year term.

We presented Fr Blake with a gift that was donated from all the local councillors as well as a commemorative plaque.

## 07.04.24 – OUTING TO HORSE SANCTAURY

This event was organised by Councillor Ms Rowena Scicluna together with Ms Madliena.

## 08.04.24 – SOCIAL IMPACT ASSESSMENT – STUDY

Regjun Lvant organised this talk/seminar during which the results of studies prepared by the department for Social Well Being at the University of Malta were presented.

## 08.04.24 – COUNCIL CONTINUATION MEETING

## 10.04.24 – ON SITE MEETING AT GNIEN MAURICE CARUANA CURRAN

In attendance Perit Dieter Falzon, contractor Simon Muscat and Mr Mario from John G Cassar, suppliers of the toys etc.

Progress works were discussed and time frames were establishe

## 11.04.24 – MEETING WITH THE HON OMAR FARRUGIA

During this meeting Hon Farrugia announced that Central Govt has allocated a fund of € 10M which will be put at the disposal of local councils to carry out maintenance works in their locality.

Hon Farrugia informed me that they have not allocated a specific amount of fund to each council. Had the fun to be divided equally between each council, our share would be circa € 147,000.

## 12.04.24 – COUNCIL 80's DISCO

Unfortunately i missed this event since i was abroad. May i congratulate the organisers ably headed by Councillor Ms Theresa Valentino

## 13.04.24 – ART FOR CHILDREN

Another Art event ably organised by Ms Asha Caroline Caruana. It was very well attended.

## 16.04.24 – MEETING RE MADLIENA TRAIL

## 18.04.24 – MEETING WITH DR CHARLES GRECH

## 22.04.24 – MEETING WITH MR JOHNATHAN BORG RE TRAFFIC LIGHTS IN QASAM

## 22.04.24 – MEETING WITH THE COMMUNITY POLICE

## 22.04.24 – IM PUBLIC MEETING RE SWIEQI/PACEVILLE JUNCTION

Infrastructure Malta organised a public meeting in the Council Hall. During this meeting which lasted from 2 to 6pm, three architects and the CEO of IM explained the planned project and replied to residents' concerns.

It appears that the main concerns and worries are directed at the planned alterations in triq l-Gharbiel, particularly with the trimming of the bend.

We must make sure that we involve the council's architect so as to make sure that these adjustments will not have any negative effect on the residents' well being.

Re loss of parking spaces, i have already asked IM to make sure that the remaining car spaces will be reserved for residents only. I have also informed IM that If the planned changes effect residents negatively, the road will serve residents' only.

We need to set up a 'follow up' meeting with IM.

**23.04.24 – MEETING WITH RESIDENTS FROM VICTORIA GARDENS**

In attendance Vice Mayor Ms MaryAnne Abela and the Executive Secretary, Ms Clarissa Buhagiar.

The residents have asked us whether it was possible for them to instal a camera that will face the entry/exit in triq il Barmil and it will be used for security purposes. The installation and maintenance costs will be paid for by the residents. the camera will be connected to the council's server.

It has been decided that a letter will be sent to every household in Victoria Gardens. Residents will be asked whether they agree that a camera will be installed and whether they agree to finance the costs.

**27.04.24 – REGJUN LVANT AGM**

The AGM was held at the Hotel Intercontinental. Unfortunately i could not attend.

**03.05.24 – ART DEXHIBITION**

Asha Caroline Caruana has done it again and in a bigger way !! A huge thank you and 'prosit' to Asha Caroline Caruana who organised a three day exhibition single handed since Councillor Paul Fenech was indisposed and Perit Muscat Azzopardi was not available. Once again thank you Caroline & Mario.

**04.05.24 – ARTISIAN FAYRE**

Allow me to congratulate Councillor Ms Rowena Scicluna and resident Derek Abbot, together with the council staff who took charge to organise this beautiful event. It was very well organised and people seem to have enjoyed themselves. It was an excellent first and i sincerely hope that we will have more of these events in the near future.

**OTHER MATTERS**

**ROAD WORKS**

**MIZURA**

Works in triq il Mizura are progressing at a very slow pace. Works commenced on 01.04.24 and during this time only works in the section Ibrag road/triq il Kartocc were caried out.

We have written to the IM architect in charge about the slow pace with which works are being carried out.

**WIZNA / BARMIL**

Council had accepted that part of these rods will be resurfaced/patched.

We are waiting for the contractor to confirm when works can commence.

**OTHERS ROAD WORKS**

We have repeatedly written to IM asking them to confirm which roads they plan to resurface this year. We have been asking them for this information since last January, and even though we are in the fifth month of the year we still do not know which roads are going to be resurfaced.

We have provided them with the list of the roads that in our opinion need to be resurfaced in the short term, thus :

Triq il Ghajn

Triq il Horza

Triq il Ktajjen

Triq il Faxxina

Triq il Moletta

Triq il Ghamad

There are some roads where WSC plan to carry out works and they had assured us that they would be resurfacing the roads themselves, thus :

Part of triq il Hemel – from Sirk to Gwielaq

Triq il Hawt

Triq fuq Gonna

We have been chasing WSC to inform us when they plan to start carrying out the works, but to date we have not received any confirmation.

**TRIQ IL GIEBJA / TRIQ JOSEF KALLEJA**

Notary Fenech completed the ricerki that were outstanding.

**EMBELLISHMENT WORKS**

**GNIEN MAURICE CARUANA CURRAN**

The first phase of the embellishment works have been completed. I am very please with the outcome.

The second phase involves civil works, which include the repair of the pavement in triq is Sejjieh, corner with Qatta, where we plan to construct a larger planter, the replacement of the boundary wall in triq il Hemel and the reconstruction of the two entrances. Works cannot proceed until a decision is taken as to what can be done to solve the damage being caused by the roots of the trees.

I am informed that several people are frequenting the garden since it has been refurbished.

I ma of the opinion that we should do a soft opening to commemorate the refurbishment.

## REPAIR WORKS IN THE COUNCIL GARDEN & GNIEN F X EBEJER

Repair works are being carried out in the council garden as well as in Gnien F X Ebejer. These works are being carried out by Central Government

## NEW PLANTER IN THE CORNER HORZA/GHAJN

The new planter has been completed and 5 cypress trees, a Christmas tree and tow ? have been planted.

## PLANNED PLANTER IN KTAJJEN/SIRK

We plan to construct another planter in the corner Ktajjen/Sirk. The design has been sent to TM for acceptance.

## PLANTER IN SIRK/GABILLOTT

The trees that were planted in these planters have been removed since there were looking in a sorry state. The gardener blamed the fact that the planters are not deep enough. We shall be planting 2 Etna Fire in their stead.

## BOUNDARY WALL IN TRIQ TAL FRANCIZ

We are building a boundary wall so as to remove the danger that there existed.

**PRIMARY HEALTH**

We are chasing the Health Department to confirm whether they still plan to go ahead with the opening of the clinic in our premises, however they are not replying our e mails. I have a feeling that thy are having second thoughts/  if this is the case we will write to the Health Minister.

The locality needs the service of a clinic.

**COUNCIL VAN**

Has a date been set when the council van will be made at the disposal of the local council ?

**STAIR LIFT**

What is the position re stair lift that needs to be installed to serve the local council hall ?

Noel Muscat

06.05.2024